# Vini e Capricci jiftaħ f'Għawdex

Il-Prim Ministru Joseph Muscat faħħar sid Abraham's għall-viżjoni u talli rnexxielu jwettaq ħolma li kellu għal diversi snin, li permezz tiegħu ħoloq impieg għall-Għawdxin. Dr Muscat kien qiegħed jinawgura esperjenza ġdida ta' xiri f'Malta u Għawdex, Vini e Capricci (Inbejjed u Kapriċċi), fi ħdan il-kumpless ta' Abraham's fil-Villaġġ tal-Agrikoltura, Gozitano, fix-Xewkija, Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 11 ta' Ottubru.

Fl-indirizz tiegħu waqt il-ftuħ, Abraham Said, Direttur Maniġerjali ta' Abraham's Supplies Co. Ltd, operaturi ta' Vini e Capricci, qal li bil-ftuħ ta' dan il-ħanut kien qiegħed jitwettaq ħolma li spiratu l-ewwel darba tlett snin ilu.

"Mhux talli kienet il-viżjoni tiegħi li noħloq ħanut minn fejn nista' nforni l-klijenti tiegħi bl-imnut u dawk li jaħdmu f'dan ix-xogħol b'għażla esklussiva ta' l-ifjen ikel , inbejjed u xorb biex nikkuntenta anki dawk li verament jifhmu," is-Sur Said qal, "iżda ridt indaħħal element qawwi ta' tagħlim. Mhux talli rridu l-klijenti li jżuru Vini e Capricci jduqu qabel ma jixtru, iżda nixtiequ nospitaw avvenimenti bħal wirjiet tal-arti, opportunitajiet li tipprova l-ikel jew ix-xorb u nżewġu l-ikel, l-inbid u l-arti – kollha taħt saqaf wieħed."

F'Vini e Capricci, li ġie mbierek mill-Arċipriet tax-Xagħra, Mons. Carmelo Refalo, minn żmien għal żmien se jkun hemm avvenimenti għall-media, is-settur tal-imnut b'emfasi kbira fuq it-tagħlim immirat lejn is-sengħa tat-tisjir, u avvenimenti speċjalizzati immirati lejn gruppi speċifiċi ta' nies. Chefs internazzjonali se jkunu mistiedna u s-sidien ta' varji prodotti li jiġu mportati jew ir-rappreżentanti tagħhom se jiġu mistiedna jitkellmu fuq l-aħħar żviluppi u teknoloġiji fis-settur tagħhom.

Vini e Capricci, li ġie ddiżinjat minn ġewwa minn Paul Stellini, hu maqsum fi tlett oqsma. Malli tidħol mill-ewwel tolqtok ir-riħa ta' kafè u l-għażla ta' kafè, tejiet u ħelu taċ-ċikkulata, fosthom kafè tal-aqwa kwalità Saquella, ċikkulata mill-ifjen u ħelu, magħmula bl-idejn, ta' Guido Gobino, u ikel xott ieħor, fosthom pasta minn Gragnano tal-Pastificio dei Campi u Alfieri.

Tista' tixtri pasta friska Surgital bl-użin fit-tieni taqsima flimkien ma' għażla ta' salumi u ġobniet. Chiappella Salumi, Salcis Salumi e Formaggi u Beppino Occelli huma fost il-marki għal wiri. Hemm ukoll għażla sabiħa ta' antipasti u ikel fin minn Antica Sicilia fid-delicatessen. Kif tidħol f'din il-parti tara wirja ta' għażla kbira ta' prodotti ġenwini Għawdxin, fosthom żejt taż-żebbuġ, ikel ippreservat, inbejjed u liqueurs.

Hemm għażla ta' żjut taż-żebbuġ ta' Cuffrol u Poiana. Innovazzjoni f'din is-sezzjoni hi li tista' tieħu l-flixkun tiegħek biex jimluhielek b'żejt taż-żebbuġ frisk minn kontenitur tal-istainless steel.

Fit-tielet sezzjoni hemm kantina għall-inbid bit-temperatura kontrollata u għażla wiesa ta' xorb alkoliku. Hemm mhux inqas minn 12-il marka ta' birra ta' kwalità għolja mill-Belġju. Fil-kantina tal-inbid hemm iktar minn elf inbid differenti mqassma skont ir-reġjun. Biex juru l-fliexken hemm numru ta' *racks* speċjali moderni bid-dwal LED iddisinjati minn Emme 2 Design minn Castagnito, Cuneo, fl-Italja ta' Fuq.

L-ikbar għażla ta' nbejjed huma mill-Italja b'reġjuni mill-parti ta' fuq s'isfel: Tenuta San Leonardo – Alto Adige; Cavit– Trentino Alto Adige; Michele Chiarlo – Piemonte; Livio Felluga – Friuli Venezia Giulia; Carpene Malvolti – Conegliano, Masi – Veneto; Sella & Mosca – Sardinja; Terradora di Paolo – Campania; Leone de Castris – Puglia u Vini Scilio & Tenuta delle Abate minn Sqallija.

Min Franza hemm Cordier – Bordeaux; Michel Picard u Jadot – Burgundy, E. Guigal – Rhone, Champagne Jacquart u għażla ta' Bordeaux Grands Cru Classé. Hemm inbejjed minn Bodegas Farina – Spanja, Niepoort – Portugall u Château Kefraya – Libanu, apparti minn għażla kbira ta' nbejjed New World: Trinchero Wines – California, Viña San Pedro – Cile, Finca la Celia – Arġentina, Simonsig – Afrika t'Isfel, Peter Lehman – Awstralja u Hunter's – New Zealand. Hemm għażla ukoll ta' nbejjed għad-diżerta, port fin, *sparkling wines* u xampanja.

Distillerie Berta għandhom wirja mill-aqwa, b'għażla ta' grappa *reserve* li rebħu premijiet u huma magħrufin madwar id-dinja.

Hemm użu kbir, speċjalment fil-kantina tal-inbid, ta' ġebel minn Għawdex, li jinsab fl-istess barriera fil-Qala minn fejn il-blokki tal-Parlament ġdid fil-Belt ġie maqtugħ.

Kif toħroġ mill-kantina tal-inbid issib wirja ta' single malt whiskies, Armagnacs, rum speċjali u Calvados.

Eżatt fuq il-kantina tal-inbid hemm kamra li tista' tintuża għal ħafna affarijiet, fosthom attivitajiet fejn prodotti ġodda jistgħu jiġu murija lill-media, wirjiet tal-arti u attivitajiet li jżewġu l-arti mal-ikel u l-inbid. Hemm kċina attrezzata li tista' tintuża għal seminars, biex jintwerew affarijiet u joffru għajnuna lil ristoranti lokali għal xogħol prattiku fit-tisjir. Hemm TV wiesa 55-pulzier mal-ħajt fuq il-kċina biex il-mistiedna jistgħu jaraw l-ikel jiġi ppreparat mill-viċin jew kontenut viżwali li hemm bżonn li jintwera.

Din il-kamra għandha l-art tal-parquet minn injam Pecan Amerikan, u bibien u pannelli tal-ġewż. Tesa sa 26 persuna bilqegħda fuq erba' mwejjed twal miksijin bil-ballut mressqa ma' xulxin. Inkella jistgħu joqogħdu bilqegħda stil ta' teatru jew fuq imwejjed tondi, skont l-okkażjoni.

Hemm dwal tal-LED inkluż dwal immuntati fuq binarju għall-wirjiet tal-arti u dwal fis-saqaf li

jistgħu jkunu jew safrani jew abjad skont l-okkażjoni. Quddiem il-kċina miftuħa hemm bar bil-faċċata tal-irħam Arabescato mill-Italja u xkaffa għall-bar tal-ġewż, waqt li fil-ħitan hemm parti artistika bil-ġebel minn Għawdex.

Fost is-sidien u rappreżentati mill-marki li kienu preżenti kien hemm: is-Sur u s-Sinjura Michele Chiarlo tal-produttur tal-inbid tal-istess isem, flimkien ma' Ms Simona Chiarlo, perit tal-kumpanija, u l-assistenta tal-esportazzjoni Ms Annamaria Serafino; is-Sur Gianfranco Berta, li jagħmel il-grappa u sid id-Distillerie Berta, flimkien mal-mara u l-maniġer tal-esportazzjoni, is-Sur Giovanni Bocchino; Dott. u Sinjura Piernicola Leone de Castris, sid Leone de Castris; is-Sinjura Donatella Cinelli Colombini u s-Sur Carlo Gardini (is-Sinjura Colombini hi s-sid tal-Inbejjed Cinelli Colombini); Ms Daniela Mastroberardino, sid Terradora di Paolo; is-Sur Carmelo Cantone u Ms Patricia Strano, sidien ta' Antica Sicilia; Sergio Piantà u Debora Malvezzi, sidied ta' Emme 2 Design; Allesandro Casamiri, maniġer tal-esportazzjoni ta' Sella & Mosca; Thomas Van Muylder, esekuttiv responsabbli għall-esportazzjoni ta' Cordier; u Fabrizio Berra, maniġer tal-esportazzjoni tal-kafè Saclà.

Vini e Capricci jistaħ mit-Tnejn sas-Sibt mid-9 a.m. sas-6 p.m. Għal iktar informazzjoni, żurwww.abrahams.com.mt.

**– TMIEM –**





**Abraham Said,  Direttur Maniġerjali ta' Abraham's Supplies Co. Ltd, waqt id-diskors tiegħu fil-ftuħ ta' Vini e Capricci**



**Prim  Ministru Joseph Muscat, is-Sinjura Saidu ż-żewġ subien tagħha jisimgħu d-diskors tas-Sur Said**




**Il- Prim  Ministru Joseph Muscat jagħel id-diskors tiegħu waqt il-ftugħ ta' Vini e Capricci**




**Il-Prim Ministru Joseph Muscat jikxef plakka waqt il-ftuħ ta' Vini e Capricci. Miegħu hemm Abraham Said.**



**Abraham Said jispjega lil Dr Muscat, b'Dott. Franco Mercieca, Segretarju Parlamentarju tad-Drittijiet ta' Persuni b'Disabilità u Anzjanità Attiva (fin-nofs)**